MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2007

Citazzjoni Numru. 1311/1985/1

**Emanuele Zammit**

***Versus***

**Maria Zammit xebba Sammut; u b'dikriet tal-5 ta' Settembru 2005 inħatru l-Av. Renzo Porsella Flores u l-P.L. Liliana Buhagiar kuraturi biex jidhru għall-konvenuta**

Din il-kawża hija dwar annullament ta' żwieġ.
Iċ-ċitazzjoni tgħid illi l-partijiet kienu żżewwġu fis-26 t'Ottubru 1958 fil-Knisja Parrokkjali tan-Naxxar. Iż-żwieġ ma kienx jiswa għax il-kunsens tal-konvenuta kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju fuq il-ħajja miżżewġa jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tagħha, jew b'anomalija psikika serja (li wara ħarġet f'mard serju tal-moħħ) li minħabba fiha ma setgħetx taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ.

L-attur għalhekk qiegħed jitlob illi l-qorti tgħid illi ż-żwieġ bejnu u l-konvenuta ma jiswiex. Qiegħed jitlob ukoll l-ispejjeż tal-kawża.

Il-konvenuta ressqet l-eċċezzjoni illi ż-żwieġ jiswa.

B'dikriet tas-7 ta' Frar 1986 inħatar perit legali, u b'dikriet ieħor tat-12 ta' Frar 1991 inħatar perit legali ieħor floku. Wara tlieta u għoxrin (23) seduta li fi tmienja (8) minnhom xehed l-attur, fi tnejn (2) xehdet il-konvenuta, fi tnejn (2) oħra xehdu tliet xhieda, u fi ħdax-il (11) seduta ma sar xejn, it-tieni perit ippreżenta r-rapport tiegħu fis-6 t'Ottubru 1993 u ħalfu fis-27 ta' Ġunju 1995.

B'dikriet ieħor tat-2 t'April 1996 il-qorti bagħtet l-atti lura lill-perit legali wara li ħatret perit psikjatra biex igħinu. Il-perit psikjatra kien mibdul b'dikriet ta' l-1 ta' Lulju 1997, u dan ukoll reġa' nbidel b'dikriet ta' l-24 ta' Ġunju 1998. Billi, iżda, il-partijiet ma wrew ebda interess fil-perizja ulterjuri, il-qorti ħassret il-ħatriet tal-periti b'dikriet tat-8 ta' Ġunju 1999 u ħalliet il-kawża *sine die*. Wara talba ta' l-attur b'rikors tat-22 ta' Lulju 1999, il-kawża reġgħet tqiegħdet fuq il-lista b'dikriet tat-3 ta' Novembru 1999, u l-perit psikjatra ippreżenta r-rapport tiegħu fil-21 ta' Jannar 2002 u ħalfu fil-13 ta' Marzu 2002.

Fl-1 t'April 1996 il-konvenuta osservat illi sentenza tat-Tribunal Ekkleżjastiku, mogħtija fid-29 ta' Ġunju 1988, kienet issostni l-validità taż-żwieġ għax ċaħdet talba għal dikjarazzjoni ta' nullità għall-istess raġunijiet li fuqhom hija mibnija t-talba fil-kawża tallum. Għalhekk, effettivament il-konvenuta ressqet eċċezzjoni ulterjuri ta' *res iudicata* taħt l-art. 23(*b*) tal-Kap. 155:

**23.** (2) Deċiżjoni li tkun saret eżekuttiva, mogħtija minn tribunal, u li ssostni l-validità ta' żwieġ kattoliku għandha, meta parti waħda tkun domiċiljata Malta jew tkun ċittadin ta' Malta, u bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 24, tiġi rikonoxxuta u mar-reġistrazzjoni tagħha skond l-imsemmi artikolu 24 ikollha effett daqslikieku kienet deċiżjoni minn qorti u li tkun saret *res judicata* u għalhekk ma tkunx suġġetta għal ri-eżami fuq l-istess raġunijiet.

L-art. 24(1) tal-Kap. 155 igħid illi r-reġistrazzjoni ta' deċiżjoni bħal dik imsemmija fl-art. 23 għandha ssir mill-Qorti ta' l-Appell. Ma tressqet ebda prova illi saret reġistrazzjoni, u għalhekk l-eċċezzjoni ta' *res iudicata* ma tistax tintlaqa'.

Ngħaddu għalhekk biex inqisu l-meritu tat-talba ta' l-attur.

It-talba ta' l-attur biex il-qorti tgħid illi ż-żwieġ tiegħu mal-konvenuta ma jiswiex saret taħt l-art. 19(1)(*d*) ta' l-Att dwar iż-Żwieġ [Kap. 155]:

**19.** (1) B'żieda mal-każijiet fejn żwieġ ikun null skond xi disposizzjoni oħra ta' dan l-Att, żwieġ ikun null:

(*d*) jekk il-kunsens ta' xi waħda mill-partijiet ikun vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju fuq il-ħajja miżżewġa, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tagħha, jew b'anomalija psikoloġika serja li tagħmilha impossibbli għal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ;

Il-partijiet iżżewġu fis-26 t'Ottubru 1958, u kellhom tlitt itfal, li twieldu fl-1959, fl-1961 u fl-1964. Waqt it-tielet tqala l-konvenuta bdiet turi sintomi ta' mard tal-moħħ, u mill-1965 kienet tkun rikoverata perjodikament fl-Isptar Monte Carmeli. Illum il-konvenuta hija interdetta u hija rikoverata fl-Isptar Monte Carmeli minħabba komplikazzjoni tal-kura bil-mediċinali li kienet tingħata.

Għalkemm mard tal-moħħ, ukoll jekk latenti, jista' jolqot il-kunsens għaż-żwieġ, billi joħloq difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju jew impossibbiltà li taqdi l-obbligazzjonijiet taż-żwieġ, huwa dak id-difett ta' ġudizzju, jew l-impossibbiltà li taqdi l-obbligazzjonijet taż-żwieġ, fil-waqt relevanti, u mhux il-mard innifsu li jwassal għan-nullità.

Għalhekk, li hu meħtieġ li naraw fil-każ tallum ma hux biss jekk il-konvenuta kellhiex mard tal-moħħ iżda jekk dak il-mard kellux, fiż-żmien taċ-ċelebrazjoni taż-żwieġ, dak l-effett fuq il-kunsens tagħha.

Il-perit psikjatra sab illi l-konvenuta ma kellha ebda sintomi ta' mard tal-moħħ qabel it-twelid tat-tielet tarbija fl-1964, seba' snin wara ż-żwieġ. Il-perit kien tal-fehma illi l-konvenuta saret tbati minn *bipolar affective disorder* (*manic-depressive psychosis*), u qal hekk dwar din il-kondizzjoni:

Il-karatteristika ta' din il-kondizzjoni psikjatrika hija li l-attakki sew manijaċi kif ukoll depressivi jistgħu jirrisolvu ruħhom bil-kura u li bejn attakk u ieħor il-pazjenta tkun perfettament normali fil-livelli kollha tal-personalità, sew dawk konjittivi, affettivi kif ukoll f'dik li hija volontà, u l-marda, bid-differenza mill-iskiżofrenija, ma tħallix ċikatriċi ta' deterjorament, u l-formazzjoni tal-ħsieb tibqa' normali.

Il-perit wasal għal din il-konklużjoni:

Nikkonkludi wkoll li, fl-opinjoni tiegħi, Maria Zammit, fi żmen il-kontrattazzjoni taż-żwieġ tagħha ma' l-attur Emanuel Zammit, ma sibt ebda evidenza klinika li turi li din kienet affetta minn xi kondizzjoni psikjatrika li jirrenduha inkapaċi li tagħti kunsens validu. Il-kondizzjoni ta' *Bipolar Affective Disorder* bdiet tidher *circa* seba' snin wara ż-żwieġ, u l-karatteristiċi tal-personalità tal-konvenuta osservati mill-attur qabel iż-żwieġ ma jikkostitwixxu ebda sintomu ta' anomalija mentali li tista' tiġi djanjostikata bħala mard imma sempliċement bħala varjanti tan-normal f'persuna li tikkonforma ma' l-ambjent soċjo-kulturali tagħha.

Fil-fehma tal-qorti fix-xiehda ma hemm xejn illi jista' juri illi tassew il-kunsens tal-konvenuta kien vizzjat kif jingħad fiċ-ċitazzjoni, u r-relazzjoni psikjatrika tkompli ssaħħaħ din il-konklużjoni. Is-"sintomi" li semma l-attur fix-xiehda tiegħu u li kompla saħaq fuqhom fin-nota ta' osservazzjonijiet tiegħu tal-5 ta' Novembru 2003 – partikolarment il-mistħija u l-modestja tal-konvenuta f'dak li għandu x'jaqsam ma' relazzjonijiet sesswali – huma biss, kif sewwa qal il-perit psikjatra, konsegwenza tal-kuntest soċjo-kulturali li fih trabbiet. Il-fatt illi din il-mistħija għelbitha fl-ewwel ġimgħat taż-żwieġ, tant illi l-partijiet kien ikollhom relazzjonijiet sesswali normali, jixhed illi ma kien hemm xejn patoloġiku fl-atteġġjament tal-konvenuta f'dak l-istadju.

L-attur igħid ukoll illi fil-familja tal-konvenuta hemm storja ta' mard tal-moħħ, u binha wkoll kellu minn dak il-mard. Dan iżda ma jista' jwassal għal ebda konklużjoni awtomatika ta' nullità ta' żwieġ; li kien hekk, min fil-familja għandu lil min ibati bil-mard tal-moħħ ma jistax jiżżewweġ. Fil-fatt iżda, il-perit psikjatra, wara li qies sew l-istorja medika tal-konvenuta, seta' igħid illi fil-waqt taċ-ċelebrazzjoni taż-żwieġ, li huwa l-waqt relevanti, il-konvenuta ma kinitx milquta b'xi kondizzjoni psikjatrika.

Il-qorti għalhekk taqbel mal-konklużjoni tal-perit legali illi ma nġibtx prova illil-kunsens tal-konvenuta tassew kien vizzjat kif igħid l-art. 19(1)(*d*) tal-Kap. 155. Għalhekk taqta' l-kawża billi tiċħad it-talba ta' l-attur u tikkundannah iħallas l-ispejjeż ġudizzjarji.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------